**Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali**
Local Councils' Association Malta

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 6**

**Data:** Il-Ħamis, 16 ta' Ġunju 2022
**Ħin:** 17:30
**Post:** Sala, Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern l-Lokali, il-Marsa

**Preżenti online**:
Is-Sur Mario Fava – President
Dr. Samuel Azzopard – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Max Zammit – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru

**Skużati:**
Chev Paul Farrugia – Membru
Is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Attendiet:**
L-Onor. Alison Zerafa Civelli

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**6.1 Ittri ta' Apoloġija**

6.1.1 Il-President informa li Chev. Paul Farrugia kien jinstab imsiefer fuq xogħol u s-Sur Clifford Galea Vella ma setax jattendi ħabba impennji personali.

6.1.2 Fuq proposta tal-President, issekondata minn Dr. Samuel Azzopardi, l-Eżekuttiv qabel li l-Membri jitniżlu bħala skużati.

**6.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu. 5**

6.2.1 Il-President preżenta l-minuti hekk kif kienu mibgħutha lill-Eżekuttiv mis-Segretarju Eżekuttiv.

6.2.2 Fuq proposta ta-President issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi, l-Eżekuttiv approva l-minuti hekk kif ġew preżentati.

**6.3 Approvazzjoni Skeda tal-Pagamenti Nu. 6**

6.2.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Sandro Azzopardi u Dr. Samuel Azzopardi, ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 ta' Mejju 2022 u is-16 ta' Ġunju 2022 li kienet tammonta għall-€84,941.98.

**6.4 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu.5**

| | |
|---|---|
| **6.4.1 Compose Plus** | Il-President semma li Lead Partners kienu bagħtu komunikazzjoni uffiġjali ta' ringrazzjament lill-Assoċjazzjoni tal-organizazzjoni ta' żjara tagħhom f' Malta.<br>Il-President semma li għall-avveninment finali tal-proġett ġewwa Ruma intbgħatu żewġ uffiċjali Reġjonali li ipparteċipaw waqt il-konferenza li nżammet ġewwa Malta. |
| **6.4.2 Norway Grants** | Il-President semma li d-Diviżjoni kienet ser tieħu it-tieni grupp ta' delegazzjoni Maltija ġewwa Norway sabiex issir study visit. |
| **6.4.3 ECAD** | Il-President semma li huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni kienu marru għall-konferenza tal- |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

ECAD ġewwa l-Isvezzja. Semma li kienet saret laqgħa fejn fiha ġie maħtur il-Board il-ġdid tal-ECAD u li Malta kienet ser tkun rappreżentata mis-Sur Mario Fava. Semma wkoll li peressli hemm numru tal-lokalitajiet minn Għawdex li huma imsieħba mal-ECAD, kien propost li l-President tar-Reġjun Għawdex ikun ukoll Membru fuq dan il-Board. Semma wkoll li bdew taħdidiet sabiex il-Laqgħa li jmiss f' Marzu 2023 issir ġewwa Malta.

**6.4.4 Finanzjament tal-Kunsilli Reġjonali**

Il-President semma li fil-jiem li ġejjin ser ikun hemm laqgħa mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex jiġi diskuss is-suġġett.

**6.4.5 Evalwazzjoni tas-Sejħa għas-Servizz ta' Chief Officer għad-Delegazzjoni Maltija ġewwa CoR u CoE**

Il-President informa li wara deċiżjoni tal-PCRB, l-AKL ser ikollha taħtar Board indipendenti sabiex jerġa' jevalwa din is-sejħa. Is-Sur Aquilina irrimarka li dan il-Board għandu jkun kompletament estern mill-Assoċjazzjoni. Filwaqt li s-Sur Sultana propona li l-Board għandu xorta waħda jkun kompost mill-Membri tal-Assoċjazzjoni, dan għall-fatt li anki meta l-Board ilesti ir-rapport finali xorta waħda dan irid jitressaq quddiem l-Eżekuttiv tal-AKL.
Is-Sur Charles Bonello semma li jekk kemm-il darba l-Board ikun kompost minn Membri Esterni, jekk ikunu Kunsilliera danw għandhom ikunu miż-żewġ partiti.
Il-President semma li kien ser jaħseb fuq lista ta' Membri Eletti u Segretarji Eżekuttivi sabiex potenzjalment ikunu parti mill-Board tal-Evalwazzjoni.

6.4.6 Għall-ħabta tal-17:49 il-President talab li tkun sospiża l-laqgħa peress li kienet waslet għal-laqgħa l-Onor. Zerafa Civelli.

## 6.5 Laqgħa mal-Onor. Alison Zerafa Civelli

6.5.1 Il-President flimkien mal-Eżekuttiv taw merħba lis-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u irringrazzjawha talli aċċettat l-istedina tal-Assoċjazzjoni għal din il-laqgħa.

6.5.2 L-Onor Zerafa Civelli irringrazzjat lil dawk preżenti. Semmiet kif ix-xogħol tal-Assoċjazzjoni tafu sew anki peress li hija kienet sa ftit xhur ijlu waħda mis-Sindki stess. Semmiet kif il-Gvern Lokali huwa importanti għax jaqdi l-istess funzjonijiet ta' Gvern Ċentrali imma fuq bażi lokali. Semmiet kif l-irwol tal-Kunsilli inbidel matul l-aħħar xhur tal-pandemija, li minkejja kollox u kull restrizzjoni il-Kunsilli baqgħu miftuħin għas-servizz taċ-ċittadin. Fakkret li s-sena d-dieħla l-Kunsilli jaqlgħu 30 sena mit-twaqqif tagħhom u għaldaqstant tajjeb li wieħed ikollu rendikont tal-ħidma tal-Kunsilli Lokali kif

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

ukoll l-aspettativi tar-residenti li dawn jinbiddlu matul is-snin. L-Onor. Civelli, semmiet ukoll l-importanza u r-responsabbilitajiet li qed jingħtaw lill-Kunsilli Reġjonali. Temmen li l-ġbir ta' skart fuq bażi Reġjonali ser tkun ukoll il-bidu li l-Kunsilli Reġjonali jimmaturaw.

6.5.3 Dr. Samuel Azzopardi semma l-importanza li wieħed dejjem jara kif il-Kunsilli Lokali ser jiġeddu u kif wieħed ser itejjeb l-operat tal-Kunsilli Lokali.

6.5.4 Is-Sur Jesmond Aquilna semma li b' dispjaċir jara kif li l-midja tenfasizza l-ħażin li xi kultant ikun hemm f' xi lokalitajiet filwaqt li t-tajjeb li jsir mill-Kunsilli Reġjonali u wisq iktar mill-Kunsilli Reġjonali.

6.5.5 Is-Sur Sandro Azzopardi ġentilment għamel it-talba tiegħu sabiex l-Onor tiltaqa' wkoll mar-Reġjun Punent. Semma l-importanza li jkun hemm tisħieħ fl-operat tad-Diviżjoni sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu asisstiti kif suppost. Semma wkoll li wieħed irid jibqa' jifhem l-importanza tal-proġett Slow Streets u għaldaqstant, il-Kunsilli Rejonali u Lokali jingħataw l-għodda u l-finanzjament biex dan jibda jiġi implimentat.

6.5.6 is-Sur Anthony Chircop xtaqt jirringrazza lill-Onor. Li qiegħda viċin il-Membri Eletti u l-Kunsilli. Spjega li dan jatgħti tama li hemm wieden għal dak li il-Membri Eletti jridu jsemmgħu leħinhom fuqu. Semma li jiddispjaċih meta jara li kultant ikun hemm ċerta apatija minn Uffiċjali fi ħdan id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali u li dan iwassal għall-nuqqasijiet meta dawn jintalbu biex jagħtu servizz jew asistenza lill-Kunsilli Lokali. Spjega li hemm porċessi li qed jieħdu fit-tul wisq. Parti mill-effiċjenza tal-Kunsilli tiddependi minn kemm huma effiċjenti anki d-Diviżjoni peress li wħud mid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ikunu affetwati b' dewmien jew burokrazija żejda.

6.5.7 Is-Sur Stephen Axisa semma li jixtieq li jkun hemm aktar rikonoxximent lejn il-Membri tal-Assoċjazzjoni fuq bażi Nazzjonali. Semma wkoll li għandu jkun hemm ukoll aktar rikonoxximent lejn il-ħidma tal-Assoċjazzjoni. Semma wkoll li f' ħafna stanzi l-Kunsill isib burokrazija sħiħa quddiemu sabiex jimplimenta l-ħidma tiegħu fil-lokalita'.

6.5.8 L-Onor. Zerafa Civelli assigurat li l-ħidma kemm tal-President kif ukoll tal-Assoċjazzjoni hija rikonoxxuta fuq kull livell.

6.5.9 Is-Sur Stephen Sultana, semma li li għandu jkun hemm aktar awtonomija jekk vera iridu insejħu il-Kunsilli Lokali bħala Gvern Lokali. Semma li kien hemm diversi stanzi fejn responsabilitajiet ittieħdu mingħand il-Kunsilli u għaddew għand aġenzji. Semma li l-Kunsill jaf it-toroq tiegħu u liema għandhom jingħtaw prijorita' biex jitrangaw. Semma l-problema kbira ta' nuqqas ta' infurzar li l-Kunsilli Lokali qed jaffaċjaw. Semma li jekk iridu nagħmlu riformi għandu jkun hemm bidliet radikali b' konsultazzjoni miftuħa bejn l-AKL, id-Diviżjoni, u s-Segretarjat sabiex naraw il-vera bżonnijiet tal-Kunsilli Lokali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta
T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

6.5.10 Is-Sur Max Zammit daħal għal-laqgħa fis-18:05.

6.5.11 Is-Sur Charles Bonello semma li huwa jixtieq jagħmel erba' punti:

- Rispett min-naħa tal-Gvern Ċentrali lejn il-Kunsilli Lokali – huwa fatt li ċerta entitajiet tal-Gvern jinoraw kompletament lill Kunsilli Lokali. Semma li għandu jkun hemm rispett bil-fatti.
- Id-Dipartiment irid jagħmel ħafna aktar u aħjar il-funzjonijiet tiegħu. Semma li meta Kunsilli jitolbu parir lid-Diviżjoni dan jibgħat biss jikwota parti mil-liġi mingħajr ma jkun hemm għajnuna oltre u parir legali. Semma kif minkejja li huwa jammira l-mod li bih taħdem l-Assoċjazzjoni, jara li kultant din tkun qed timla l-vojt li jħalli d-Dipartiment u dan qed iwassal fejn qed ikun hemm okkażżjonijiet li d-Dipartiment iserraħ fuq il-ħidma tal-AKL.
- Inkomplu insaħħu lir-Reġjuni. Sema li ma jaqbilx li parti mir-responsabilitajiet jagħddu mill-Kunsilli għar-Reġjuni. Semma li l-Gvern irid jara x' ser jiddelega. Semma li r-riforma tas-sena 2019 għall-Gvern Lokali ħafna mill-proposti għadhom ma daħlux fis-seħħ.
- Entiatjiet bħal Infrastruttura Malta għandhom ikollhom rispett sħiħ lejn il-Kunsilli Lokali u anki jkkonsultaw mal-Kunsilli.

6.5.12 Is-Sur Max Zammit semma li:

- Id-Dipartiment għandu jara li filwaqt li l-obbligi jkunu qed jiġu milħuqa mill-Kunsilli, jkun naqra aktar flessibbli u effiċjenti.
- Semma li għandu jkun hemm devoluzzjoni tal-poteri
- Għandhom ikunu stabbiliti numru ta' KPIs sabiex Kunsill u anki Segretarju Eżekuttiv jieħu l-mertu mistħoq.
- Hemm bżonn ta' aktar infurzar fil-lokalitajiet.
- Wieħed għandu jara ftit anki fuq livell Ministerjali it-taxxa fuq id-dħul tas-Sindku u l-Kunsilliera meta dawn qed jagħtu servizz lill-komunita' fil-ħin tagħhom.
- Filwaqt li jemmen li wieħed għandu jibda jiddiskui servizz ta' pensjoni tas-servizz għall-Presidenti Reġjonali, President AKL u Sindki għas-servizz li jkunu taw għall-lokalitajiet.

6.5.13 Il-President ikkonkluda billi semma:

- Li kull darba li l-Assoċjazzjoni tkun ikkonsultata tipprova dejjem tati l-veduti tagħha fuq is-suġġett u fl-aħjar interess għal-lokalitajiet.
- Li jekk wieħed ser jiddiskuti anki riforma jara li jiġi diskuss ukoll l-irwol tas-Sindku fuq bażi Full Time.
- Huwa ta' dispjaċir li proġett li l-AKL issottometiet, ma ingħtax inportanza. Jemmen li fl-għeluq it-tletin sena tal-Kunsilli Lokali wieħed għandu jikkonsidra li jsir dan l-istudju li l-AKL kienet proponiet sabiex wieħed ikejjel l-aspetattiva tar-residenti u l-irwol tal-Kunsilli Lokali. Wieħed għandu jkollu għarfien ta' x' qiegħed jimpedixxi lill-Kunsilli milli jwetqgħu l-funzjonijiet tagħhom kif suppost. Semma li jekk mhux ser infasslu riforma li tkun imsejsa fuq studji xjentifiċi jemmen li kull riforma ser issir ta' xejn.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

- Aktra sinerġija bejn id-Diviżjoni, is-Segretarjat u l-AKL fil-ħidma tagħhom. Semma li f' Ministeru preċidenti kellek stanza fejn tfasslet viżjoni/ strateġija lilhinn u kompletament different minn dak li kienet nheddiet l-AKL.
- Il-problema li hemm diversi Kapijiet taċ-Ċivil, CEOs u Diretturi li jridu jifhmu aktar l-irwol tal-Kunsilli Lokali.
- L-irwol tal-LESA għandu jkun li tati servizz lill-Kunsilli Lokali u mhux tas-servizz, il-Kunsill ikollu jħallas.
- Fondi fl-iskemi maħruġa mid-Diviżjoni għandhom ikunu allokati direttament għand il-Kunsilli Lokali abbażi ta' Business Plan b' saħtu li l-Kunsill jippreżenta. Semma li dawn għandhom ikunu mkejja wkoll b' KPIs stabbiliti.
- Meta jkun hemm proġett lokali anki jekk ser isir mill-Gvern Ċentrali għandu jkun hemm konsultazzjoni sħiħa mal-Kunsilli Lokali u spjega li għadu ma jistax jifhem għaliex proġett fil-qalba tar-raħal għandu jagħmlu Ministru jew Entita' u mhux il-fondi jagħddu għand il-Kunsill u l-proġett issir mill-Kunsill stess.
- Semma li wara sena u nofs ta' komunikazzjoni fuq livell anki Ministerjali ġiet milqgħuha t-talba li Sindki li l-onorarja hija l-unika dħul tagħhom għandha titħalsilhom il-bolla.
- Il-problema tar-rekwiżiti fi kwalifiċi għall-ħaddiema tal-Kunsilli Lokali u s-Segretarji Eżekuttivi. Semma wkoll il-qabża ta' skills li wieħed jista' jsib bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegat fi skala 11, għaldaqstant jemmen li għandu jinstab mekkaniżmu biex din il-gap tkun minimizzata.

6.5.14 L-Onor. Zerafa Civelli għaddiet il-kummenti konklussivi tagħha.

- Irrimarkat li tixtiq tara aktar sinerġija bejn l-AKL, id-Diviżjoni u anki is-Segretarjat fil-ħidma tagħhom.
- Nikkritikaw b' mod kostruttiv ħalli wieħed itejjeb anki l-operat
- Irridu jkunu l-AKL u d-Diviżjoni li jippromovu l-ħidma kif ukoll il-bżonnijiet tal-Kunsilli Lokali.
- Ser tkun qed taħdem sabiex tara kif l-entitajiet ikunu infurmati dwar l-irwol tal-Kunsilli Lokali u jkun hemm rispett reċiproku.

6.5.15 L-Onor Zerafa Civelli filwaqt li irringrazzjat lil kulħadd talbet li tkun skużata mil-laqgħa fis-18:50.

## 6.6 Punti maħruġa mill-Minuti Laqgħa Nu.5 (kontinwazzjoni)

| | |
|---|---|
| **6.6.1 Infurzar** | Il-President li hekk mitkellem anki fil-preżenza tal-Onor. Zerafa Civelli, ser ikun hemm diskussjonijiet sabiex wieħed jipprova issib bażi soda u li tiffinzjona għall-infurzar aħjar fil-lokalitajiet. |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

| | |
|---|---|
| **6.6.2 Hornets** | Il-President semma li jekk tkun tinħass il-ħtieġa, l-AKL toħroġ sejħa pubblika għall-qbid tal-hornets. |
| **6.6.3 Seminar mill-Awtorita' tal-Ippjanar** | Il-President semma li l-Awtorita' tal-Ippjanar ikkomunikat mal-Assoċjazzjoni sabiex ikun organizzat seminar ta' nofs ta' nhar fuq l-użu tal-GeoServer u xi applikazzjonijiet teknoloġiċi oħrajn tal-Awtorita'. Dan bl-iskop li ir-Reġjuni jkollhom informazzjoni important li l-Awtorita' għandha. |
| **6.6.4 President tal-Kungress Ewropew** | Il-President semma li ser ikun qed jiġi Malta l-President tal-Kungress Ewropew nhar il-21 ta' Lulju. Il-President semma li intalab li jiltaqa' mal-Presidenti Reġjonali, Sindki u Kunsilliera nhar 22 ta' Lulju. Għaldaqstant l-assoċjazzjoni ser tkun qed torganizza attivita' b' dan l-iskop. |

## 6.7 Komunikazzjoni mill-President

| | |
|---|---|
| **6.7.1 Plenarja** | Il-President semma li għall-Pleraja ġew mistiedna madwar sittax-il Kap Eżekuttiv ta' Entitajiet diversi. Semma li ser ikun hemm ukoll tlettax-il information booth minn Aġenziji differenti.<br>Semma li l-preparamenti għaddejjin u l-Aġenda ġiet konkluża u preżentaha lill-Membri. |
| **6.7.2 Laqgħa mal-Onor Dr. Darren Carabott** | Il-President propona li l-Eżekuttiv jiltaqgħa mal-Kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Gvern Lokali waqt il-Laqgħa tal-Eżekuttiv li jmiss f' Lulju. |
| **6.7.3 Kunsill Nazzjonali tal-Volontarjat** | Il-President semma li l-AKL irċeviet komunikazzjoni li għaddiet lir-Reġjuni sabiex tibda kolloborazzjoni aħjar bejn s-Settur tal-Volontrajat u l-Kunsilli Lokali. |

6.7.4 Is-Sur Stephen Sultana talab li jkun skużat mil-laqgħa fis-19:12.

| | |
|---|---|
| **6.7.5 Sħubija mal-Lomardija** | Il-President semma li l-AKL kompliet b' komunikazzjoni ma' ACCIRE ġewwa l-Lombardija sabiex potenzjalment iż-żewġ Assoċjazzjonijiet jibdew jikkollaboraw. Il-President għadha |

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

kopja tal-ftehim li l-AKL irċeviet mill-Lombardija u semma li ser ikomplu d-diskussjonijiet fil-jiem li ġejjin.

**6.7.6 European Local Democracy Week**

Il-President semma li l-AKL qiegħda f' komunikazzjoni ma' Dawra Madwarna sabiex tħejji attivita' għal European Local Democracy Week. Dawra Madwarna bagħtu proposta ta' attivitajiet li jikkonċentraw fuq placemaking. L-AKL ser tkun qed tikkomunika magħhom aktra dettalji.

**6.7.7 Attivita' tas-Sajf AKL**

Il-President semma li nhar l-5 t' Awissu, l-AKL ser tkun qed torganizza l-attivita' tas-sajf għall-Membri Eletti u ħaddiema tal-Kunsilli Lokali. Semma li d-dħul ser ikun b' xejn imma tintalab donazzjoni lil min jattendi għall-Hospice Malta.

**6.7.8 Sigurta' fejn l-iskejjel**

Il-President semma li peress li l-iskejjel għaddejjin bil-vaganzi tas-sajf, talab li jibdew taħdiet bejn LESA, il-Pulizija, TM u l-Kunsilli Lokali biex flimkien mal-Iskejjel tinstab l-aħjar soluzzjoni.

**6.7.9 Open Week ġewwa Brussel**

Il-President semma li bħal kull sena f' Ottubru ser ikun hemm l-Open Week ġewwa Brussel. Huwa propona li l-AKL toffri lill-ħaddiema tagħha l-opportunita' li jżur din l-Open Week. Dan anki minħabba l-fatt li fl-Assoċjazzjoni jsir ħafna xogħol relatat mal-Kumitat tar-Reġjuni ġewwa Brussel u l-istaff ikollu komunikazzjoni diretta anki mal-One Stop Shop ġewwa Brussel.
Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Max Zammit, l-Eżekuttiv approva din l-inizjattiva.

**6.7.10 INDIS**

Il-President semma li verbalment kien hemm qbil għall-kera f' tul ta' żmien biss pero kien għadu qed jistenna komunikazzjoni uffiċjali.

**6.7.11 Laqgħa mas-Sindki u Kunsilliera f' Għawdex**

Il-President semma li nhar 9 ta' Lulju, l-Onor Zerafa Civelli tablet li tiltaqa' mal-Kunsilli ġewwa Għawdex. Semma li l-AKL kienet ser tieħu ħsieb torganizza din il-laqgħa.

**6.7.12 Social Impact Assessment**

Il-President semma li flimkien mad-Diviżjoni u r-Reġjuni bdiet ħidma fuq Social Impact Assessment. Semma li kienu saru xi laqgħat preliminari. Il-President semma li kien ser jagħddi lill-Presidenti Reġjonali lista ta' speċifikazzjonijiet li dan l-istudju jista' jiffoka fuqhom.

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt
**www.lca.org.mt**

| | |
|---|---|
| **6.7.13 Network Cables** | Il-President semma li minħabba li saru tiswijiet fuq il-faċċata tal-binja hemm bżonn li issa jinbidlu xi network cables anki peress li infetħu numru ta' bibien fuq ġewwa. |
| **6.7.14 Proġett ta' tfal Ukreni** | Il-President semma li kien irċieva korrispondenza mill-Kumitat tar-Reġjuni sabiex possibbilment, Malta tipparteċipa fi proġett fejn jinġabu madwar 30 tifel u tifla għal Summer Camp f' Malta. Il-President semma li minkejja li l-proġett huwa ferm interessanti il-loġistika speċjalment l-akkomodazzjoni jidher li hija problema. |
| **6.7.15 Protokol** | Il-President semma li bdew lagħat mal-Protokol sabiex wieħed jassigura li Membri Eletti fuq livell Reġjonali u Lokali jitpoġġew fuq il-lista ta' preċidenza u għaldaqstant ikunu mistiedna għall-attivitajiet Nazzjonali. |
| **6.7.16 CLGF Membership** | Il-President semma li l-AKL kienet irċeviet l-fattura sabiex titħallas il-membership ta' CLGF. Il-President semma li kien ikkomunikat ma' CLGF, xi pjanijiet għandhom għax-xhur li ġejjin u kif l-AKL tista' tikkontribwixxi aħjar f' din il-fora. Dan peress li matul il-pandemija ftit li xejn CLGF kienu attivi. |
| **6.7.17 Reġjun Lvant** | Il-President xtaq jifraħ lir-Reġjun Lvant li kien kiseb suċċess u ġie maħtur bħala r-Reġjun Sportiv. |

**6.8 Aġġornament**

6.8.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-tmienja u kwart ta' filgħaxija. L-Eżekuttiv qabel li għandu jerġa' jiltaqa' it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija fil-Binja tal-AKL, ġewwa l-Marsa.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.8 li nżammet nhar it-Tlieta, 26 ta' Lulju 2022 fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**